# Soċjetajiet Reliġjużi fiż-Żejtun

*Kitba ta' Frans Zahra*

Il-Kongrezzjoni Missjunarja ta' Ġesu' Nazzarenu ġiet imwaqqfa minn Marija Ġużeppina Curmi, imwielda l-belt Valletta fil-15 ta' Ottubru, 1864, iżda wara ftit żmien, imħabba li missierha, Pawlu, kien sar Sindku taż-Żejtun, allura l-familja kellhom jiġu jgħammru hawn. Dak iż-żmien Ġużeppina kellha xi 5 snin. Id-dar tagħhom kienet fi triq Sant' Anglu.

Il-ħajja u t-tfulija ta' Ġużeppina kienu waħda ordinarji, bħal ta' kull tfajla oħra ta' l-età tagħha. Xejn ma kien jidher li 'l quddiem għad twaqqaf kongregazzjoni ta' sorijiet, tant li moħħha aktar kien li tipprepara d-dota. Marija Ġużeppina minn dejjem kienet bniedma sempliċi, karitattiva u timxi bi ħlewwa ma' kulħadd. Xhieda ta' dan, il-passi li għaddiet minnhom sakemm waqqfet il-kongregazzjoni. Mela, żewġ sorijiet ta' l-Ordin ta' San Ġużepp (Bormla) fejn kienet tmur skola, kienu sejrin Lourdes. Hi xtaqet tmur magħhom, u meta l-ġenituri raw ma min kienet sejra, ħallewha tmur. Ġużeppina tgħid "li ħasset ġibda straordinarja għat-talb, matul dawk is-siegħat ta' talb fis-skiet mal-madonna. Ġesu' Nazzarenu ħares lejha u ħabbha, u f' qalbha, fit-talb ħassitu jgħidilha 'Ejja u imxi warajja'. Kif kienet hemm, għal dik is-sejħa, ħabbtet il-bieb tal-Kunvent tal-Immakulata f'Lourdes, iżda l-volontà ta' Alla kienet mod ieħor.

Determinata twettaq il-pjan tal-Mulej, fl-1895 (issa kellha 31 sena) bdiet tlaqqa' tfal biex tgħallimhom il-katekiżmu, u tippreparahom għall-ħajja. Dan kollu kienet tagħmlu d-dar. Sfortunatament tal-familja ma tantx kienu qed jieħdu ġost b'dawk it-tfal f'darhom. Tkellmet għalhekk ma' l-Arċipriet u dan għena, billi ofrilha żewġt ikmamar. Dan nistgħu "ngħidu" kien il-bidu ta' dak li tabilħaqq għamel il-Providenza Divina, permezz tagħha. Il-fundattriċi tas-Sorijiet Ġesu' Nazzarenu kienet minn familja nobbli u ta' lussu fl-għajxien, u bla dubju ma kienx faċli għal xbejba bħal dik li tinħall minn dan l-ambjent ta' ħajja. Iżda għall-imħabba ta' Alla, Ġużeppina kienet lesta tagħmel kollox. Matul dan iż-żmien il-faqar kien jinħass sew. Mhux darba jew tnejn meta kienet toqrob l-ewwel tqarbina (il-Preċett) kienet tieħu t-tfal għand il-ħajjata u tgħidilha: "hu ħsieb il-ħwejjeġ ta' dawn it-tfal u jien inħallsek ta' kollox". U kemm kienet iżur morda r-raħal u tgħinhom bil-karita`.


Ġużeppina Curmi

Il-kuntlarju ma kienx biss ġej għaliha minn naħa tal-familja, iżda wkoll mill-awtoritajiet, tant li damet ftit mhux ħażin biex tiġi aċċettata l-idea tagħha. Talbet u talbet ... mhux Ġesu' stess qalilna "... min jitlob, jaqla' ... u l-ħsieb tagħha - għax kienet opra ta' Alla, minkejja d-diffikultajiet, irnexxa. L-ewwel dar li serviet ta' Istitut kienet f'numru 12 Triq San Piju X, illum dar privata. It-tieni dar li marru fiha bħala Istitut kienet, fejn attwalment jabita l-Arċipriet (wara l-Knisja). Marru fiha fl-1915 wara sentejn li kienu ilhom fi Triq S. Piju X. Fit-13 ta' Gunju, 1917, marru fil-Palazz tal-Markiz Testaferrata Bonici (tal-Bon Kunsill). Mhabba ċertu ċirkostantzi, u fl-istess ħin, għaliex Madre Curmi dejjem kellha jberren f'moħħha l-ħsieb li l-Kongregazzjoni jkollha Istitut tagħha permanenti, bl-għajnuna ta' Alla, pero mhux mingħajr taħbit u qtiegħ il-qalb. Fid-29/3/1925, tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' l-Istitut tallum, mill-Arċisqof Mauro Caruana. L-ewwel quddiesa fl-istitut saret fis-16 ta' Lulju, 1930 mill-Arċisqof Mauro, li wara bierek l-Istitut. Dak iż-żmien direttur (it-tieni wieħed) kien Mons. Depiro, il-fundatur tas-Soċjeta Missjunarja ta' San Pawl.

Iż-żerriegħa li Ġesu' Nazzarenu żera fil-Fundattriċi kibret u qed tagħti frott. Il-fundattriċi flimkien ma' l-ewwel sorijiet kellhom għal qalbhom it-tagħlim tal-katekizmu u l-formazzjoni għaż-żgħażagħ, tagħlim nisrani u missjoni ma' tfal u l-foqra. Sa ftit ilu wkoll l-Istitut laqgħa fi ħdanu xi refuġjati mill-Bosnija, Somalja u l-Iraq. F'dan l-Istitut jsibu kenn ukoll nisa mmarġinati bit-tfal tagħhom, tfal, tfajliet, anzjani, u dawk kollha li jitolbu l-għajnuna meħtieġa.

L-istitut Ġesu' Nazzarenu joffri servizzi u attivitajiet lill-parrocca, u b'mod speċjali liz-zona ta' San Girgor. Xi sorijiet jgħinu fit-tqarbin lill-morda u jagħmlu "home visits". Xi sorijiet huma mpenjati

b'hidma fost l-adoloxxenti, li minn Sibt għal Sibt jiltaqgħu fl-Istitut fejn flimkien jaqsmu dak li l-Mulej jirregala. Jgħinuhom jiżviluppaw id-doni u t-talenti, u fuq kollox li jsibu qalb ta' omm, fejn għalihom l-Istitut jsir it-tieni dar tagħhom. Numru ta' sorijiet huma dedikati għax-xogħol delikat u qaddis għat-tħejjija ta' l-Ewkaristija: l-Ostji. Hawn diversi parroċċi li jagħmlu użu minn dan is-servizz tas-sorijiet ta' Ġesu' Nazzarenu.

Il-lum il-gurnata l-Kongregazzjoni ma nsibuhix biss Malta (Żejtun, M'Xlokk, ir-Rabat u B'Kara) iżda wkoll barra; l-Kanada u l-Peru, fejn mhux biss jagħtu l-ewwel għajnuna meħtieġa, iżda wkoll li jwasslu l-Kristu fejn għadu mhux ltaqgħux miegħu. Il-qofol tal-ħajja ta' dawn is-sorijiet mhux biss xogħol u appostolat, iżda wkoll hin ta' ġabra biex fil-ħemda jkomplu jgħixu l-Faqar, il-Kastita u l-Ubbidjenza, u fil-ħajja komunitarja jibqgħu mixjin fit-triq iservu lil maħbub Ġesu' Nazzarenu.

Is-sorijiet jizzu ħajr lill-benefatturi, u ħbieb Żwieten tal-ġenerożita' kbira li dejjem urew magħhom. "J'Alla Ġesu' Nazzarenu u Santa Katarina jkomplu jixħtu ħafna barka u ġid tas-sema fuqkom u fuq il-familji tagħkom" temmet tgħidilna l-Madre.

***Ħajr lill-Madre Phylis Agius u Sister Maurizia Cassar.***

## Ulied il-Qalb ta' Ġesu'

Marija Tereza Nuzzo, il-fundattrici tas-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu', twieldet fil-11 ta' Mejju 1851, bint Pawlu u Luiza Marrocchi, it-tnejn ta' nisel Taljan. Kellha sitt ħuta oħra. Hi kienet it-tieni wild. Zijitha, Rożina (oħt missiera) kienet fetħet skola għat-tfal zgħar fil-Belt, u Tereża kienet ta' għajnuna kbira għal żijitha. Tereza, f'għajnejn żijitha, kienet tfajla ntelliġenti u kapaċi. Żijitha mardet u mietet fl-4 ta' Marżu 1867, u r-responsabilta' tat-tgħallim issa waqgħet fuq Tereza. Bdiet tieħu ħsieb hi l-iskola. Dan il-pass orjentataha għalll-ħajjitha. Iżda Marija Tereza, sa minn ċkunitha, xtaqet tħaddan il-ħajja konsagrata (missiera miet fis-27.3.1876, u ommha fit-8.6.1881). Hi xtaqet tidħol soru tal-klawsura, mal-Benedittini tal-Birgu, iżda Mons. Pietru Pace (Isqof ta' Għawdex, li kien il-konfessur tagħna, u aktar tard sar Arċisqof ta' Malta) ma kienx tal-istess fehma. Il-Providenza Divina kellha pjan ieħor għaliha. Kemm Mons. Pietro Pace, u warajh Mons. Robert Caruana Gatto - li kien il-konfessur / direttur spiritwali (wara Mons. Isqof Pace) tagħha - mexxewha pass pass fit-triq li Alla kien ippreparalha ... u waslet!

Bit-tama li xi xbejbiet jingħaqdu magħha, Marija Tereza, bdiet tfittex xi dar. Sabet waħda zgħira qrib il-Knisja tal-Kunċizzjoni l-Imsida. Nfetħet fid-9.11.1902. Kuġinuha, Enrico Nuzzo, kellu post qrib il-Knisja tal-Madonna tas-Samra l-Ħamrun. Kien xtaq jagħtiha għal xi opri speċjali. Xtaqha f'idejn is-sorijiet Agostinjani, bl-obbligu li jgħallmu l-katekizmu lit-tfal, iżda dawn m'aċċettawx. Għalhekk offrieha lil Maria Tereza, u din aċċettat. Fid-29.4.1903, xahrejn wara li miet Enrico, Marija Tereza u xi xbejbiet oħra, daħlu f'dik id-dar tal-Ħamrun. Bil-ħsieb li tiġbor kollox f'post wieħed, id-dar tal-Imsida u l-iskola tal-Belt għaddew għal Ħamrun. L-ewwel vestizzjoni u professjonijiet tal-voti saru fil-21.11.1903. Il-Fundattriċi, u Madre Ġenerali għaddiet minn"kalvarju" u umiljazzjonijet. Biżżejjed wieħed jgħid li mħabba xi lmenti li hi ma kienetx qed tibni finanzjarju sod, Madre Tereza Nuzzo, tneħħiet minn Mons. Arċisqof, issa Mauro Caruana, u qiegħed Madre, soru oħra ta' Kongregazzjoni differenti: tat-Terzjarji Frangiskani (illum Frangiskani tal-Qalb ta' Ġesu'). Każ ieħor, il-fundatriċi ġiet mibgħuta iż-Żejtun. Ħaġa bħal din ma tantx kienet tgħodd għall-fundatriċi bejn għax kienet marradija u wkoll mħabba l-eta'. Hawn kien hawn grupp ta' novizzi - kien issir in-Novizzjat, u saħansitra Madre Tereza ma tħallietx tagħmel kuntatt man-novizzi. Madre Nazzarena Gouder tat-Terzjarji Frangiskani damet tmexxi l-Kongrezzjoni tlett snin u nofs. Wara, l-Arċisqof ħatar bħala Superjura Ġenerali, Madre tal-Ordni Sagra Familja - Madre Geltrude. Iżda l-erwieħ tajbin qiegħdin f'idejn Alla, u kif jgħid is-salm 117, "Il-Mulej miegħi, hu l-għajnuna tiegħi, u nħares b'wiċċi minn quddiem lejn l-egħdewwa tiegħi ... Dawruni minn kull naħa rassewni; imma f'isem il-Mulej irbaħthom ... Haqarni tassew il-mulej, imma ma telaqnix għall-mewt ... Dan hu bieb il-Mulej; il-gusti jidħlu minnu ..."

Meta kienet qed toqrob it-72 sena, fl-10 ta' April 1923, taħt attakk ta' puplesija u daħlet mill-ewwel fi stat ta' agunija. Seba tijiem wara, it-Tlieta 17/4, mietet. Biex nigbru min kienet din il-fundattriċi, biżżejjed il-kumment ta' waħda mis-sorijiet żgħażagħ ta' dak iż-żmien: "Mal-mewt tagħha fhimt tassew kemm kienet maħbuba mis-sorijiet kollha. Fil-komunita' kulħadd jibki u jigbru xi oggett tagħha biex iżżommuhom rikordju". Ġiet midfuna l-għada, f'qabar

tal-Kongrgazzjoni, fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.

U ż-Żejtun? Wara d-dar li l-fundatriċi fetħet fil-Ħamrun, it-tieni komunita' ta' sorijiet imwaqqfa kienet dik taż-Żejtun. L-ewwel dar li kellhom kienet fi triq Beland, li fiha damu żmien qasir. Minn hawn, fid-9.6.1908 (90sena ilu) saret l-inawgurazzjoni tat-tieni dar. Kienet f'numru 7, "Dar San Ġużepp" fi Triq Sant' Anglu. Infetħet bħala skola, u biex jiġi mgħallem il-katekiżmu, iżda aktar tard kellha tkun ukoll Orfanatrofju. Kien f'din id-dar li l-fundattriċi ġiet mibgħuta għal xi żmien. Fost il-benefatturi ta' din id-dar nsibu lill-Arċipriet Dun Lawrenz Degabriele, waqt li Dun Nazzarenu Curmi, hu l-fundatriċi tas-Sorijiet ta' Ġesu' Nazzarenu kien imur iqaddsilhom l-quddiesa fil-kappella. Fiż-Żejtun, it-tagħlim lill-ulied il-foqra kien fi ħsieb il-Knisja qabel ġew fostna dawn is-sorijiet. Fi Triq San Luċjan, id-Djoċesi kellha dar kbira. Fl-1819, il-kappillan Dun Bartilmew Sant inkariga lil Dun Alwig Camilleri biex jgħallem xi ħaġa lit-tfal, inkluż id-duttrina. Mhabba n-numru ta' tfal il-post sar zgħir ... u ngħataw il-post attwali li miegħu għandu Knisja "ta' l-Ispirtu s-Santu" . Biex seħħ dan l-Arċisqof Mattei, il-kavallier Meginos u magħhom ingħaqad il-poplu Żejtuni lkoll taw s-sehem tagħhom (bħala tifkira waqt li fuq barra fil-ħadid tal-gallerija hemm l-ittri P.Z.F. iġġiffieri "Populus Zeitunensis Fecit", fuq ġewwa f'waħda mill-kmamar hemm bassoriliev bix-xbieħat ta' l-Isqof Mattei u l-Kavallier Meginos). Meta l-Gvern kien ħa f'idejh it-tagħlim, għax fiż-Żejtun ma kienx hawn post adattat biex iservi ta' skola, il-Knisja offriet id-dar ta' Triq San Luċjan. Meta l-Gvern bena l-iskola, li qiegħda pass l-isfel, ma riedx iċedi lura d-dar u daħlet l-Qorti. Il-Knisja rebħet l-kawza.

Ta min jgħid li fi żmien il-kolera d-Dar serviet ukoll ta' sptar. Id-dar kienet adattata għall-Kongregazzjoni, għax kellha knisja magħha, dedikata lill-Ispirtu s-Santu., zgħira iżda artistika li taf il-bidu tagħha lil ċertu Giovanni Cassar fl-1610. L-għamla attwali saret fl-1688 fuq disinn tal-arkitett Lorenzo Gafa'. Is-sorijiet daħlu f'din id-dar fl-1920. Fl-1940 (fl-14 ta' Lulju) f'din il-Knisja twaqqfet l-Esposizzjoni permez tal-mibki Mons. Dun Salv Grima - ħaġa li baqgħet attwali. Minn din id-dar / kunvent ħidmet is-sorijiet ma kienetx biss ma' tfal orfni (għax kien ukoll orfanatrofju) iżda iwettqu laqgħat ta' formazzjoni, iservu ta' Day Centre għat-tfal u Baby Club, jiltaqgħu tan-Neokatekuminali, għandhom skola, għalkemm mhix qiegħda mal-kunvent, u jieħdu ħsieb ukoll il-katekizmu, barra ħidmiet oħra fil-parroċċa.

Il-Kongregazzjoni tas-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu', barra hawn Malta nsibuħa wkoll fil-Libja, Ruma, l-Indja u l-Kenja.

***Ħajr lil Sister Candida Sacco.***

## Is-Soċjeta tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'

Kien is-26 ta' Ottubru 1978 meta s-Soċjeta' tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu', ġiet iż-Żejtun, xi xaharejn biss qabel ma spiċċa minn Arċipriet Mons. Pantaleone Orland.

Wara l-Kunsill Vatikan II, is-Soċjeta' tagħna ħarset lejn l-għeruq tagħha u ħadet diversi deċizzjonijet. Waħda minnhom kienet li toħrog mill-kunventi kbar tagħha u s-sorijiet jibdew jgħixu fi djar zgħar qalb il-poplu ħalli jkunu preżenża fil-parroċċa. Għaldaqstant is-Soċjeta' f'Malta bdiet tħejji ruħha biex tieħu dan il-pass. Wara li rajna ħafna djar f'diversi lokalitajiet, il-għazla waqgħet fuq din id-dar fiż-Żejtun.


**LEO IRONMONGERY**

***106, Toni Zahra Str, Zejtun ZTN 08. • Tel: 673493***

**We Stock:**

*Plumbing and Electrical Fittings, Water and Oil Based Paints, Carpentry Goods, Cement and Asbestros Material, Key Cut.*



Is-Soċjeta tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'

Il-fundatriċi tagħna, Santa Madalena Sofija Barat, twieldet f'Diċembru 1779 fil-belt żgħira ta' Joigny, Franza. Barra li kienet umli ħafna, kellha qalb kbira u Alla żejjinha wkoll bid-don ta' l-inteligenza u l-kapaċita' li tgħarbel il-verita, kwalitajiet li tant kellha bżonn fil-pozizzjoni tagħha ta' fundatriċi. Kienet tifhem, tagħder thobb u tapprezza kull persuna, hekk kienet taf toħroġ it-tajjeb min kulħadd.

Faqqghet ir-revoluzzjoni Franċiża. Kienet kbira biż-żejjed biex tifhem il-ħsara u taqlib soċjali f'pajjiżha u fid-dinja kollha, li kienu għaddejjin minnu. L-għan tagħha kien li bit-tagħlim tressaq mill-ġdid il-poplu lejn Alla.

Biex tilħaq l-għan ewlieni tagħha, il-glorifikazzjoni tal-Qalb ta' Ġesu', u l-qdusija tal-membri tas-Soċjeta', Madalena Sofija għażlet l-edukazzjoni kemm tas-sinjuri kif ukoll tal-foqra, l-għoti ta' rtiri fid-djar tagħha u kuntatti ma' persuni li jiltaqgħu magħhom permezz ta' xogħol. Il-lum fid-djar tagħna dan il-għan għadu jintlaħaq sewwa. Is-Soċjeta' kibret malajr u l-lum tinsab fil-ħames kontinenti.

Fl-1903 is-Soċjeta' tal-Qalb ta' Ġesu' fetħet l-ewwel kunvent f'San Giljan. Fl-1946 beda b'mod zgħir, it-"Teacher Training College" li aktar tard, fl-1954 mar fil-kullegg mibni apposta f'tal-Virtu'.

Fil-parroċċa taż-Żejtun għamilna ħafna xogħolijiet skond ma kien hemm bżonn, dejjem b'għan ta' edukazzjoni, kemm spiritwali u kemm soċjali. Fost affarijiet oħra għamilna ħafna snin nieħdu ħsieb ix-xiri u l-bejgħ ta' kotba reliġjużi fil-knisja biex nikuraggixxu l-qari. Tagħlim tad-dutrina f'żoni differenti, lit-tfal b'xi diżabilita jew l-imqarbin. Kellna wkoll kuntatti ma' emigranti li rritornaw u t-tfal tagħhom riedu jitgħallmu l-katekizmu iżda ma kinux jafu bil-Malti. Id-dar tagħna hi miftuħa għal kull min għandu bżonn ta' xi għajnuna, ġieli ġew nies għal għajnuna bil-lejl, u f'dawn il-ħinijiet tara il-fraġilita tal-bniedem u l-kobor ta' Alla.

Il-lum in-numru tagħna hawn Malta naqas ħafna - fil-komunita' ta' hawn iż-Żejtun, qegħdin erba' biss kollha nużaw il-Karta Anzjan!!

L-erba' li aħna ngħatu servizz bħala Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, kemm fil-knisja kif ukoll fid-djar. Norganizzaw żewġ gruppi ta' talb, wieħed fid-dar stess u l-ieħor miz-żoni. Gruppi oħra u individwi jagħmlu użu mill-kappella tagħna.

Ngħinu tfal li għandhom bżonn ta' għajnuna fl-edukkazzjoni speċjalment fil-lingwa Ingliża. Din l-aħħar sena, b'kollaborazzjoni mal-Giżwiti u bil-għajnuna ta' voluntiera qegħdin ngħallmu tfal li għandhom bżonn ta' għajnuna fix-xogħol ta' l-iskola. Ġeneralment din l-għajnuna tingħata fuq bażi ta' individwi.

Waqt li t-tfal ikunu jitgħallmu, l-ommijiet jiltaqgħu ma' waħda mis-sorijiet u joqogħdu jiddiskutu bejniethom. Aħna nemmnu li jekk l-omm tkun kapaċi tmexxi il-familja tagħha tajjeb, il-familja timxi l-quddiem. Dawn in-nisa għandhom ħafna x'joffru lis-soċjeta' Maltija, kull ma jkun hemm bżonn hu li xi hadd jiggwidahom.

Ix-xogħol dejjem jiżdied, u hemm għatx ħafna għat-tagħlim, pero aħna għandna ħafna limitazzjonijet fosthom li ma għandiex vokazzjonijiet u allura ma nistgħux inżidu max-xogħol li diġa qiegħed isir għax il-ħajja komunitarja tieħu l-ewwel priorita. Il-ħin għat-talb personali u komunitarju hu l-qofol tal-ħajja tagħna.

***Ħajr lis-Superjura Sister Doris Cassar.***

## Il-Ġiżwiti fiż-Żejtun

Nibdew biex ngħidu xi ħaġa dwar il-fundatur tas-Soċjeta' tal-Gizwiti - Inigo Lopez de Loyola. Twieled fl-1491 fir-reġjun Bask ta' Spanja. Fl-1521 waqt battalja ta' Pamplona, Inigo (Inazju), soffra

minn griehi gravi f'saqajh u kellu joqghod ħafna żmien fis-sodda biex jikseb saħtu. Ma seta' jagħmel xejn, ħlief joqgħod jaqra ... u l-uniċi kotba li sab id-dar kienu "Il-Ħajja ta' Kristu" u "Il-Ħajja tal-qaddisin". Kienu żewġ kotba li bihom, providenzalment ikkonverta ... minn bniedem tad-dinja sar pellegrin missjunarju għal Kristu.

Wara li ddeċieda li jiddedika ħajtu għas-servizz ta' Kristu, Inigo, għadda lejl quddiem il-Madonna fis-Santwarju ta' Monserrat, fejn ħalla x-xabla tiegħu u biddel ħwejjġu ma' dawk ta' wieħed tallab. Iddeċieda jmur Gerusalemm biex ixandar il-Vangelu. Wara li wasal Gerusalemm, l-awtoritajiet tal-Knisja hemmhekk, ma ħallewhx joqgħod aktar minn gimgħatejn, u għalhekk kellu jerġa' lura lejn Spanja. Ta' 30 sena ddeċieda li jerġa' lura l-iskola biex ikun jista' jieħu tagħlim biżżejjed biex "jgħin l-erwieħ".

Bejn 1527 u 1535 insibuh fl-Universita' ta' Parigi. Hemmhekk gabar madwaru grupp ta' ħbieb minn pajjiżi differenti. Dawn saru l-ewwel nukleu tal-Kumpanija ta' Ġesu' (Gizwiti). Fil-15 ta' Awissu 1534, is-seba' kumpaniji ngabru fil-kappella ta' Mon Marte fejn waqt quddiesa għamlu wiegħda li rabtithom biex jgħixu fil-kastita', u l-faqar, u biex immorru Gerusalemm jagħmlu ħidma missjunarja. Iddeċidew ukoll li jekk ma jkunux jistgħu jmorru Gerusalemm, minflokk imorru Ruma, u joffru ruħhom biex jassistu il-Papa.

Fl-1537 dawn il-ħbieb ingabru Venezja fejn ġew ordnati Saċerdoti. Minħabba li kien hemm ġwerra bejn Veneżja u t-Torrok, il-pelegrinaġġ lejn Gerusalemm kien impossibli, għalhekk iddeċċidew li jfittxu l-aprovazjoni tal-Papa biex isiru ordni reliġjuż ġdid. Fis-27 ta' Settembru, 1540 il-Papa Pawlu III ifirma il-bolla "Regimini Melitantis Ecclaesia", u l-kumpanija ta' Ġesu` sarret Ordni Reliġjuż ġdid fil-Knisja. In-nies malajr bdiet isejħilhom patrijiet Gizwiti. Mil-bidu, dawn il-patrijiet xterdu mad-dinja biex ixandru il-Vangelu f'inħawi fejn qatt ma kien imxandar Kristu: l-Indja, il-Gappun, il-Brazil, iċ-Ċina ... Fl-Ewropa ukoll ħadmu l-Gizwiti, speċjalment fl-Edukazzjoni u biex iwasslu ir-rifformi tal-kunċilju ta' Trentu, u wkoll biex irribattew it-tagħlim ta' Luteru u oħrajn. Fil-preżent ħawn iktar minn 20 elf Giżwita mad-dinja kollha, u mdaħħlin f'ħafna appostolat, fost oħrajn, ħidma missjunarja, eżerċizzi spiritwali, tagħlim f'Universitajiet u skejjel, ħidma parrokkjali, ħidma għall-promozzjoni tal-gustizzja ...



Il-Ġiżwiti fiż-Żejtun

**Il-komunita Gizwita fiż-Żejtun** bdiet fit-30 ta' Novembru 1989. Xtaqu li jifthu kommunita' fejn ikunu qrib ħafna nies u jgħixu kemm jista jkun bħalhom, biex ikunu jistgħu jibnu kuntatt dejjem mill-qrib. B'dan il-mod isiru aktar relevanti fil-pastorali tagħhom. "Xtaqna wkoll li nifthu dar f'raħal fejn ma kienx hemm patrijiet qabel" qalli Fr. Edgar, u u kompla "din il-kommunita' taħdem biex iġib il-quddiem il-ġustizja fis-soċjeta' maltija billi tippova tifhem l-għeruq ta' problemi ta' ingustizzja li jeżistu f'Malta, u tikkontribwixxi biex dawn il-problemi jiġu iffaċjati".

Il-Kommunita' li hawn fiż-Żejtun tikkonsiti minn 3 patrijiet: Fr. Pierre Grech Marguarat, Fr. Pawlu Pace li hu il-provinċjal tal-Giżwiti f' Malta u Fr. Edgar Busuttil. Huma jgħixu f'dar sempliċi, imma li hija qrib tan-nies – Numru 7, Sqaq San Adeodato. Għalkemm id-dar qisha "moħbija" fil-fatt mhiex, mhux biss għax qiegħda man-nies / mal-ġirien, iżda ukoll u speċjalment, għax ħafna huma dawn iż-żgħażagħ miż-Żejtun, u min-barra iż-Żejtun, li jattendu f'dik id-dar u flimkien mal-patrijiet jorganizzaw attivitajiet għat-tfal Żwieten, speċjalment dawk li joqgħodu qribhom.

L-attivitajiet jinkludu crafts, logħob, għajnuna fil-qari, harġiet, talb ... Jiġu organizzati ukoll attivitajiet għal kbar bħal ma huma harġiet kulturali. B'dawn il-modi il-ġenituri jiġu mgħejjuna jifhmu lil uliedhom. Il-patrijet jagħtu sehem tagħhom fil-Parroċċa billi jqaddsu ukoll kull nhar ta' Ħadd u jqarru meta meħtieġ.

***Ħajr lil Fr. Edgar Busuttil.***